**IS-SEBGĦA TA' ĠUNJU**
***SETTE GIUGNO***

**DISKORS**
**MILL-ONOREVOLI MICHAEL FRENDO**
***SPEAKER***
**KAMRA TAD-DEPUTATI**
**PARLAMENT TA' MALTA**

**P**rim Ministru, Kap tal-Oppożizzjoni, Presidenti Emeriti, Speakers Emeriti, Onorevoli Membri, Onorevoli Membri Anzjani, Eċċellenzi, Mistednin Distinti.

Kull sena quddiem dan il-monument li jfakkar is-sagrifiċċju suprem ta' uħud minn ulied pajjiżna, ninġabru biex nirriflettu flimkien fuq dawn il-ġrajjiet, fuq x'fissru fl-istorja kostituzzjonali tagħna għad-dritt tal-poplu tagħna li jmexxi lilu nnifsu, permezz ta' deputati eletti minnu liberament f'elezzjonijiet ħielsa. Din is-sena dan qed nagħmluh fl-isfond tas-sena li fiha niċċelebraw id-disgħin (90) anniversarju mill-għoti ta' Kostituzzjoni ġdida u gvern responsabbli, u magħha l-ftuħ tal-Parlament Malti, fl-1921. Rebħiet li segwew dan l-istess qawmien tas-*Sette Giugno* 1919 u l-ħidma sfiqa u kuraġġuża tal-mexxejja politiċi tal-poplu tagħna.

Din is-sena, partikolarment, fit-tnax-il xahar li jibdew mill-1 ta' Novembru 2011, 90 sena mill-ftuħ tal-Parlament tal-1921, ser ikollna l-opportunità li lkoll, b'kalma u serenità, u b'ħarsitna indirizzata lejn l-interess fit-tul ta' pajjiżna, naħsbu fuq id-demokrazija parlamentari tagħna u nistaqsu fejn wasalna, u fejn irridu mmorru. B'hekk, is-sagrifiċċji ta' tant nies fl-istorja ta' Malta, mhux l-anqas dak suprem ta' Manwel Attard, Ġużè Bajada, Wenzu Dyer, Karmenu Abela, u magħhom Ċikku Darmanin u Toni Caruana, ikunu qed jingħataw l-aqwa tifsira li nistgħu nagħtuhom.

Lill-martri tas-*Sette Giugno* insemmihom b'isimhom biex l-memorja tagħhom u isimhom jibqgħu mnaqqxin mhux biss fiż-żonqor Malti imma wkoll fil-qalb, fil-moħħ u fl-ispirtu tal-Maltin kollha. Illum, f'din l-okkażjoni, huma jirrappreżentaw ukoll isem tant nies oħrajn ugwalment qalbiena li matul is-snin u matul is-sekli sal-ġurnata tal-lum ma qagħdux b'idejhom fuq żaqqhom meta pajjiżhom sejħilhom biex jagħtu sehemhom, biex isemmgħu leħinhom, biex poġġew lilhom infushom f'riskju personali anki fiżiku, fl-akkwist u fid-difiża tad-demokrazija tagħna u tad-drittijiet u libertajiet tal-poplu tagħna.

Id-demokrazija hija tagħna lkoll u t-tifsira tat-tifkira tal-lum, ta' din iċ-ċelebrazzjoni ta' qlubija fin-narattiva politika Maltija, tinsab fir-riflessjonijiet li rridu nagħmlu biex infasslu triqietna fis-snin li ġejjin u allura fil-mistoqsijiet li jridu jsiru u li għalihom trid tinstab tweġiba. Bħalma l-mistoqsijiet parlamentari fil-proċedura ordinarja parlamentari tagħna huma fl-istess eżerċizzju mument ta' skrutinju, ta' spjegazzjoni, ta' komunikazzjoni, ta' konfront u ta' tfittxija għal titjib kontinwu tal-operat fil-politika, hekk ukoll dan għandu jkun perijodu fejn inħarsu lejn kif partikolarment żviluppat, qed tiżviluppa u għandha tiżviluppa l-istituzzjoni parlamentari tagħna. Fuq kollox irridu nirriflettu fuq is-sejħa li għandna quddiemna bħala poplu li, bil-fatti u bil-bidliet neċessarji anki leġislattivi, nagħmlu l-qabża instituzzjonali li tqiegħed il-Parlament Malti fl-istess livell tal-Parlamenti nazzjonali l-oħra tal-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea, inklużi dawk bit-tradizzjonijiet tal-mudell ta' Westminster.

Konċess mingħajr diskussjoni li Malta u l-Maltin kellhom, fl-istorja millennarja tagħhom, esperjenzi oħrajn importanti ta' rappreżentanza, ta' libertà u ta' sehem ewlieni fit-tmexxija ta' pajjiżhom, din l-okkażjoni tad-90 sena mill-ftuħ tal-Parlament Malti fl-1921 iżda m'għandhiex titħalla tgħaddi qisu ma ġara xejn mingħajr ma sservina bħala xprun għar-riflessjonijiet fuq il-Parlament tagħna llum u għada.

Ħarsa qasira lejn l-ewwel seduta tal-Assemblea Leġislattiva ta' 90 sena ilu, li saret nhar is-Sibt, 29 ta' Ottubru 1921 qabel il-ftuħ uffiċjali jumejn wara, għandha ġġibilna tbissima ta' xi ħaġa li turina li, fost il-ħafna ideali, jibqa' dejjem l-element familjari uman li tajjeb li napprezzawh ukoll għaliex il-Parlamenti huma wara kollox magħmula minn bnedmin tad-demm u l-laħam!

Filwaqt li, f'dik is-seduta, l-elezzjoni unanima tal-Onorevoli Edgar Arrigo bħala Speaker saret malajr wara mozzjoni mressqa mill-Onorevoli Francesco Buhagiar sekondata mill-Onorevoli Antonio Dalli, mhux hekk ġara meta d-deputati ġew biex jeleġġu d-Deputy Speaker. F'dik is-seduta ħadd ma aċċetta din il-kariga minkejja li ġiet offruta wieħed wara l-ieħor lill-Onorevoli membri Dr Pier Luigi Frendo, Antonio Dalli, il-Kurunell Michael Dundon, Dr Luigi Camilleri, Dr Francesco Buhagiar, il-Markiż Dr Alfredo Mattei, Dr Paolo Borg Grech, Count Sir Gerald Strickland innifsu minkejja li kien *Leader of the Opposition*, u l-Kanonku Carmelo Bugelli. Kollha ġabu raġunijiet diversi għaliex ma setgħux jerfgħu

dan il-piż, imma l-aktar raġuni biex insejħilha hekk 'gustuża' kienet dik ta' Dr Luigi Camilleri li wara li numru ta' membri kkontestaw l-ewwel rifjut tiegħu minħabba li din kienet l-ewwel esperjenza tiegħu ta' rappreżentanza, għamel it-tieni tentattiv biex jiġġustifika l-'le' tiegħu billi qal: "*Però devo osservare che io vivo e risiedo al Gozo. Potrà darsi il caso che lo Speaker sia assente da quest'Aula, e forse a causa del mare grosso io non sarò nel caso di poter recarmi a Malta a presiedere in vece sua.*" L-iSpeaker Elect Arrigo malajr wieġbu: "*Quando l'onorevole signore non ci sarà, ci sarò io, e quando non ci sarò io, ci sarà lui...*" Imma kien għalxejn u f'dik is-seduta qatgħu qalbhom li jiftehmu. Eventwalment inħatar l-Onorevoli Nutar Salvatore Borg Olivier li fi snin ta' wara serva wkoll ta' Speaker.

Dawn kienu pijunieri li, apparti dan l-inċident ħelu, kellhom ifasslu ħafna proċeduri ġodda biex jaħdem il-Parlament. Fil-kuntest ta' dan l-istess 90 anniversarju, bħala Speaker ikkommissjonajt proċess ta' riċerka dwar id-deċizjonijiet (*rulings*) li ngħataw mill-1921 saż-żmenijiet reċenti - għaliex dawk ta' dan l-aħħar żmenijiet jinsabu miġburin u anki uħud minnhom storjati elettronikament. Dr Raymond Mangion, *Lecturer* tal-Istorja tal-Leġislazzjoni fl-Università ta' Malta, bħalissa qed jaħdem fuq l-ewwel volum li jiġbor ir-*rulings* kollha li ngħataw fl-ewwel leġislatura wara l-1921. Din hija ħidma li ser tagħti ħajja għal diversi volumi u li ser tieħu diversi snin biex tkun konkluża, imma għandha twassal ukoll għal ħażna elettronika li fuqha jkollna l-faċilità ta' tiftix elettroniku u allura ttejjeb l-għejjun tagħna għad-deċiżjonijiet tal-lum. Aktar minn hekk, fi tmiem dan l-eżerċizzju, trid l-analiżi dettaljata li biex ngħidu hekk ittina l'"Erskine May" tagħna u allura, mingħajr ma nitilfu l-fakoltà li – *in extremis* - nirreferi għall-esperjenzi ta' ħaddiehor, inkunu saħħaħna r-riżorsi primarji tal-gwida parlamentari tagħna stess, proċess li diġà sar f'parlamenti oħrajn fit-tradizzjoni tagħna tal-Commonwealth bħal dawk tal-Awstralja, il-Kanada u New Zealand. Din hija tassew it-tip ta' infrastruttura li rridu nkomplu nibnu għal Parlament tagħna ħalli nikkomplimentaw il-bini fiżiku ta' dar ġdida u bżonnjuża tal-Parlament Malti bil-kostruzzjoni ta' kapaċità usa' u aktar b'saħħitha għall-Istituzzjoni nnifisha.
Għandu jkun għajn ta' sodisfazzjon għal poplu Malti li jara li l-istituzzjoni parlamentari, l-aqwa espressjoni tar-rieda tiegħu, hija vibranti u mimlija ħajja. Dan juri li d-demokrazija tagħna hija dinamika, kif għandha dejjem tkun, u li l-Parlament huwa fiċ-ċentru tagħha, bħala tassew l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, status li wasal iż-żmien li jkun verament rifless fil-kwotidjanità tal-azzjoni u tal-proċeduri statali sabiex anki s-simboliżmi statali tagħna jirriflettu s-sovranità tal-poplu fid-demokrazija u allura, b'rispett għal dan, jirrifletti l-priniċipju li, fid-demokrazija, kull pożizzjoni eletta hija dejjem superjuri għal dik nominata.

Meta neżaminaw il-proċess parlamentari tagħna, irridu ngħarrfu li l-kunċett kostituzzjonali fil-mudell ta' Westminster ta' *checks and balances* mhuwiex biss indirizzat lejn t-tliet pilastri tas-sistema tagħna, l-Eżekuttiv, il-Leġislattiv u l-Ġudikatura imma huwa indirizzat ukoll lejn l-operat intern tal-Parlament innifsu. Huwa fid-dawl ta' dan li rridu naħdmu lkoll flimkien bil-fatti, biex tassew insaħħu l-figura tal-membru parlamentari, tad-deputat tal-poplu. Din is-sena li għaddiet għamilna xi passi li anki jekk relattivament żgħar imqabblin ma' dak li għad għandna quddiemna, jistgħu wkoll ikunu sinifikanti. Dawn jinkludu, biex nieħdu eżempju, li saħħaħna s-sors ta' informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-membru parlamentari, bl-introduzzjoni ta' faċilità ta' riċerka ta' arkivji ta' ġurnali, rivisti u *databases* akkademiċi in kollaborazzjoni ma' diversi operaturi kummerċjali u mal-Università ta' Malta. Eżempju ieħor huwa l-ftehim milħuq in prinċipju fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra biex nittrasmettu s-seduti parlamentari permezz ta' *live video streaming* fuq l-internet bl-ewwel pass ikun it-trasmissjoni tal-laqgħat tal-kumitati u allura b'aktar komunikazzjoni diretta maċ-ċittadin tal-ħidma li jagħmlu d-deputati.

F'dan l-istess perijodu ressaqt quddiem il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra proposta dettaljata dwar il-metodu biex il-Parlament Nazzjonali Malti jeżerċita d-dritt tieghu mirbuħ fit-Trattat ta' Lisbona li jressaq Opinjoni tiegħu lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea meta jkun hemm miżura li l-Parlament Nazzjonali Malti jqis li tmur kontra l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Fin-nuqqas ta' konklużjoni ta' din il-proċedura mill-Kumitat li għadu qed jiddelibera anki sal-lum, bi ftehim mal-forzi politiċi kollha fil-Parlament, bħala Speaker ikkummissjonajt rapport indipendenti li wassal eventwalment biex il-Parlament Malti għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu uża l-poteri li jtih it-Trattat ta' Lisbona u esprima

Opinjoni sostantiva fejn stqarr li proposta mill-Unjoni Ewropea dwar materja partikolari ta' taxxa kienet tmur kontra l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Urejna bħala Parlament li, anki jekk il-proċedura permanenti dwar din il-materja ma kenitx konkluża, meta nqala każ ta' importanza nazzjonali konna kapaċi li naġixxu flimkien u anki b'unanimità, u allura ma bqajniex ċassi u muti quddiem din il-proposta ta' miżura Ewropea.

Quddiem il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra hemm ukoll proposta oħra tiegħi bħala Speaker biex il-Parlament Malti ma jibqax l-uniku parlament nazzjonali mingħajr rappreżentant tiegħu fil-Parlament Ewropew. Anki din tkun miżura li ssaħħaħ l-infrastruttura tad-deputat individwali partikolarment fil-konfront tal-ħidma tiegħu u tagħha indirizzata lejn l-Unjoni Ewropea. Apparti li ssaħħaħ il-mezz ta' informazzjoni u komunikazzjoni bejn iż-żewġ Parlamenti.

Dan huwa biss bidu, li jibni fuq dak li għamel ħaddieħor qabel. Baqgħalna ħafna x'nagħmlu għaliex fil-verità huwa aktar ċar minn qatt qabel li s-saħħa tal-istituzzjoni parlamentari hija mkejla wkoll, għalkemm mhux biss, b'kemm huwa b'saħħtu d-deputat parlamentari individwali fil-kapaċità tal-operat tiegħu jew tagħha, fl-infrastruttura li għandu jew għandha biex issostnih jew issostniha. Għad baqgħalna għalhekk li nintroduċu miżuri biex, fost oħrajn, id-deputati eletti mill-poplu jkollhom assistenza fil-ħidma parlamentari tagħhom u faċilitajiet infrastrutturali b'uffiċini li huma adegwati, għajnuna fil-ħidma tagħhom fil-kostitwenza, assistenza fil-preparazzjoni neċessarja għal ħidma tagħhom u assistenza fil-komunikazzjoni ta' dik il-ħidma fil-Parlament Nazzjonali, fil-qasam Ewropew, u fl-eżerċizzju tad-diplomazija parlamentari. Hija ħasra li l-lista għadha twila daqshekk u aktar.

Huwa bit-tisħiħ ta' din il-figura tad-deputat parlamentari li tissaħħaħ ukoll id-demokrazija. Din hija l-qabża fil-kwalità tad-demokrazija parlamentari tagħna li għaliha rridu nkomplu naħdmu, politiċi, parlamentari, stampa, xandir, soċjetà ċivili, sieħba soċjali, opinjoni pubblika. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-membru parlamentari li jaqdi jew taqdi d-doveri marbutin mal-missjoni ta' dik il-kariga huwa fih innifsu turija ta' rispett għal vot li permezz tiegħu l-poplu jagħti l-mandat tiegħu lid-deputat. Hija espressjoni ta' rispett lejn l-għażla u r-rieda tal-votanti li fihom kollettivament ultimament tirrisjedi s-sovranità.

Naturalment il-mandat mogħti mill-poplu jitlob sens qawwi ta' responsabbiltà minn naħa ta' kull deputat li jrid jew trid taqdi l-funzjonijiet ta' din il-figura li hija l-pedament tad-demokrazija parlamentari tagħna, b'dedikazzjoni, qies, lealtà, maturità, b'konsapevolezza sħiħa tal-konsegwenzi tal-azzjonijiet jew nuqqas ta' azzjonijiet tagħha, u fir-rispett tal-eletturi tagħha u l-programm politiku li għalih ikunu vvutawlha.

Ir-rispett lejn il-figura tad-Deputat huwa rispett lejn id-Demokrazija u lejn il-votant, anki jrid jingħad ugwalment li kull Deputat għandu jaġixxi dejjem f'mod li juri huwa stess, hija stess, rispett lejn din il-kariga u funzjoni kostituzzjonali tiegħu jew tagħha. F'dan il-kuntest, kien ta' sodisfazzjon għalija li ġiet apprezzata l-introduzzjoni tal-aħħar tislima aktar dinjituża lil membri li jkunu servew fil-Parlament tagħna, u li jiġu nieqsa. Dan sar bil-pubblikazzjoni ta' fuljett li fih ikun hemm ukoll riproduzzjoni tal-ewwel ġurament li jkun ħa l-membru meta daħal jew daħlet fil-Parlament u riproduzzjoni tal-*maiden speech* jew l-aħħar *speech* tal-membru, skond ma jkun il-każ. Huwa doveruż li l-Istituzzjoni tagħti ġieħ lil min serva lil poplu permezz tas-servizz fiha, għaliex juri apprezzament għal min jiddedika lilu nnifsu għal ħajja pubblika tant diffiċli, u fl-istess waqt dan ikompli jibni l-Istituzzjoni nfisha. Naturalment l-istess rispett irridu nuruh wkoll lil min qed iservi, jew serva għal xi żmien, fil-Parlament tagħna, anki f'ħajtu jew f'ħajjitha, li ma mmorrux niġu, fi kliem Giacomo Leopardi, fis-sitwazzjoni fejn "*virtù viva sprezziam, lodiamo estinta*"!

Irridu nkomplu nsaħħu l-Kumitati Permanenti u Magħżula tal-Kamra tad-Deputati bi proċeduri li jassiguraw li jkunu dejjem jistgħu jilħqu l-iskop li għalihom twaqqfu. Filwaqt li huwa ta' sodisfazzjon tara ftehim tal-Kamra kollha dwar it-twaqqif ta' Kumitat Permanenti ġdid dwar il-Familja, għandna nagħtu wkoll ħarsa lejn il-kompożizzjoni tal-Kumitati tal-Kamra, u lejn il-firxa tal-ħidma tagħhom

sabiex per eżempju d-dibattitu parlamentari fi ħdan dawn il-Kumitati jkun ukoll jkopri materji bħal dawk, per eżempju, ta' natura ekonomika jew relatati mal-amministrazzjoni pubblika.

U fuq kollox, u din hija l-mamma ta' kollox, irid isir dak li Speaker wara Speaker, konsistentement, u għalxejn, ilhom iħambqu dwaru għal għexieren ta' snin: jiġifieri li l-Parlament Malti jirbaħ l-awtonomija tiegħu bħala Istituzzjoni Kostituzzjonali. Għaliex għandna niġu fil-qiegħ tal-lista fl-Unjoni Ewropea għar-rigward tal-awtonomija tal-Parlamenti nazzjonali? Li dan il-prinċipju tal-awtonomija tal-Parlament jiġi stabbilit bil-ftehim ta' kulħadd hija materja ta' urġenza anki jekk fl-implimentazzjoni jittieħed iż-żmien neċessarju biex isiru l-preparamenti meħtieġa  fosthom li jitfassal il-qafas għal servizz parlamentari ġdid u għal strutturi u l-introduzzjoni ta' proċeduri ġodda fuq kull livell. Nittama li l-forzi politiċi kollha flimkien, mingħajr aġendi ta' vantaġġ politiku wieħed fuq l-ieħor, jimpenjaw ruħhom u jkollhom il-kuraġġ li jagħmlu pass bħal dan u li jaraw fil-bogħod fl-interess komuni għat-tisħiħ tad-demokrazija tagħna.

Deċiżjoni bħal din tkun tfisser qabża kwalitattiva fid-demokrazija parlamentari tagħna, deċiżjoni li ssaħħaħ il-kredenzjali demokratiċi ta' min jagħmilha, u tkun deċiżjoni li tixhed bidla fil-*mindset* dwar x'inhi tassew l-Istituzzjoni Parlamentari fil-qafas taċ-*checks and balances* tal-Kostituzzjoni tagħna, li, inoltre, anki tagħti lill-Kamra tad-Deputati s-setgħa li tirregola l-proċeduri tagħha stess sabiex fl-eżerċizzju ta' dak il-poter li tmexxi lilha nfisha ma jkun taħt l-ebda liġi oħra għajr l-istess Kostituzzjoni. Tkun deċiżjoni li  tidfen is-sitwazzjoni attwali imbarazzanti fejn l-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali, żewġ uffiċjali tal-Parlament, imexxu żewġ uffiċċji li huma awtonomi meta l-Parlament innifsu mhuwiex!

L-awtonomija tal-Parlament issaħħaħ din l-Istituzzjoni li tirrappreżenta l-għażliet kollha tal-poplu f'elezzjoni ġenerali, u dan għaliex din hija Istituzzjoni li hija fondamentali għad-demokrazija mhux biss għal dak il-mument tal-vot imma għal dak li jiġri fil-ħames snin ta' bejn kull votazzjoni. Min-naħa tiegħi, f'din il-ħeġġa għall-awtonomija tal-Parlament, qed inkun xejn ħlief mera ta' dak li b'tant żelu u ħerqa ġustament xtaqu u stqarru l-iSpeakers ta' qabli.

Irridu, b'għaqal, insibu t-triq it-tajba biex dan kollu nagħmluh flimkien. U għalhekk hija tassew ħasra li l-Kumitat Magħżul tal-Kamra dwar it-Tisħiħ tad-Demokrazija huwa inoperattiv, li ġie abbandunat minħabba li mingħajr ir-rieda politika ta' kulħadd ma jistax jopera. Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra huwa forum ieħor biex isiru dawn it-tip ta' tibdiliet imma żgur li mhuwiex l-aħjar forum meta tqabblu mat-tama u l-aspettattiva li dan il-Kumitat Magħżul tal-Kamra kien ħoloq fil-pajjiż. Hemm bżonn urġenti li din is-sitwazzjoni tinbidel għaliex qed ittellifna l-użu ta' għodda li kienet idonea għal dawn l-iskopijiet ta' riforma favur id-demokrazija parlamentari.

Eċċellenzi, xorta waħda nħoss li nista' nistqarr b'konvinzjoni li d-demokrazija parlamentari tagħna hija ħajja u f'saħħitha, imma, kif huwa dejjem id-dmir tagħna, irridu nkomplu naħdmu biex nagħmulha aktar robusta. U għandha vitalità partikolari kif uriet l-esperjenza tar-referendum li għadu kemm sar u d-diskussjonijiet li ppreċedewh u li qed isegwuh. Li rridu nieħdu ħsieb huwa li d-demokrazija parlamentari tagħna ma tibqax  lura, kif inhi llum, fil-konfront taż-żmenijiet u ta' demokraziji parlamentari oħrajn fir-reġjun ewlieni tagħna, l-Ewropa. B'Parlament Nazzjonali b'saħħtu, Malta tkun ukoll aktar b'saħħitha fl-Unjoni Ewropea, illum li l-Parlament Nazzjonali Malti huwa parti integrali mill-arkitettura deċiżjonali tal-Unjoni Ewropea. Dan kien ukoll il-messaġġ li ġbidna miż-żjara li kellna fil-Parlament tagħna tal-President tal-Parlament Ewropew, Jerzy Buzek, mistieden tagħna fil-bidu ta' din is-sena.

F'dan il-kuntest, id-demokrazija parlamentari ta' Malta tagħna, għandha aktar u aktar bżonn ta' ħsieb strateġiku u anqas u anqas bżonn ta' tattiċi politiċi tal-mument.

Kliem il-Prinċep ta' Wales fl-1 ta' Novembru 1921 għadu jgħodd għalina wkoll llum:

> “*Responsible Government gives power to the representatives of the people, but it also imposes upon them an important trust for the good of their fellow men and for the well being of their posterity. No one who knows the patriotism, the thrift, and the industry of the people of Malta can doubt that they will worthily acquit themselves of this trust.*”

F’ġieħ l-ulied kollha ta’ Malta li, fl-istorja, taw ħajjithom għar-rebħa tal-libertajiet li ngawdu llum, m’għandix dubju li lkoll lesti nerfgħu din ir-responsabbiltà li nibqgħu dejjem denji ta’ din il-fiduċja li jtina l-poplu.